MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Numru 147/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs.**

**Maria Louisa Bonnici**

**Illum 1 ta' April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Maria Louisa Bonnici ta' 49 sena, bint Frans u Annie nee` Fenech, imwielda Floriana, fif-21 ta' Mejju 1955, u li toqghod Anna Fats, No 2, Birkirkara Road, St Julians. Detentrici tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 429355M giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, f'hanut bl-isem tal-'Louise Boutique' li jinsab fi Trqi Guze Colombo, San Gwann; fis-16 ta' Dicembru 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi

atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda;

1. iffalsifikat jew biddlet, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamlet uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqaraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija; jew xjentement qieghdet fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghandha ghal bejgh jew importat ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe` hwejjeg (konsistenti f'denim jeans) bil-logo tad-ditta Miss Sixty ghal liema logo hemm trade marka irregistrata hawn Malta. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 298(1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
2. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta kummerc, stampat, immanufatturat, idduplikat, jew mod iehor ipproduciet jew ikkopjat, jew bieghet, qassmet, jew mod iehor offriet ghal bejgh jew biex jitqassa, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet t'a l-awtur li jkollha persuna ohra u cioe` Miss Sixty rappresentati minn Dr Anthony Cremona LL.D. protetti bil/jew taht il-Ligijiet ta' Malta. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
3. U aktar talil, fl-istess perjodu, bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applikat fuq ogetti jew fuq l-ippakketjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata, jew bieghet jew kriet, offriet jew esponiet ghall-bejgh jew kiri jew qassmet oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuq, sinhal bhal dak; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 72(1) tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta).]

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-Maira Louisa Bonnici ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok KB 3 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata ammettiet l-akkuzi migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata kkoperat mal-pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 298(1), (a), (b), (c) u (f) u 298B tal-Kap. 9 u l-artikolu 72(1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Maria Louisa Bonnici, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputata kkoperat mal-pulizija, il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-imputata, tillibera lill-istess imputata taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Inoltre, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti u mmarkati bhala dok KB6 u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u ghalhekk tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qrati.

Rigward it-talba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-Maria Louisa Bonnici ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-Qorti rat li ma jirrizultax li gew inkorsi spejjes a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'din il-kawza, tichad it-talba.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Maria Louisa Bonnici l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------